MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 12(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2011, fil-4:30p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Estimi għal Memo 66/2011
6. Xiri ta' Apparat
7. Attivitajiet ghall-Milied 2011
8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**Talba**

Is-Sur William Pomroy qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur William Pomroy, issekondat mis-Sindku li għaddiet b'mod unanimu.

Wara l-konsiderazzjoni is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**2. *Arising* mill-Minuti**

Ma kienx hemm

**3. Korrispondenza**

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand MEPA rigward kostruzzjoni ta’ jogging track fi Triq it-Trunċiera u Triq il-Port Ruman. Wara li spjega dan il-każ il-Viċi Sindku qal li kien ser jirrispondi l-ittra. Kien hemm qbil ukoll illi l-istess Viċi-Sindku għandu jattendi għas-smiegħ ta’ l-appell li kellu jsir nhar il-Ħamis 3 ta’ Novembru 2011.

**3.2** Ittra mingħand PEAK insurance brokers fejn il-Kunsill ġie mitlub iwaħħal mera flimkien ma sinjali ma’ l-art u tabelli fi Triq Tas-Silġ. Kien hemm qbil unanimu li din il-kumpanija ghandha tintalab *site plan* u tindika x’qiegħda tipproponi li jsir sabiex tkun tista’ ssir talba lil Transport Malta peress li din kienet triq arterjali.

**3.3** Ittra minghand is-Sinjorina Caroline Fenech fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-istess sinjorina Fenech kienet qiegħda tikkonferma illi ghall-perjodu 1/10/2011 – 6/10/2012 kienet ser tidħol xogħol hekk kif mitlub f’memo 46/2009

**3.4** Ittra minghand il-Ministeru ghar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-Proġett M313/25 kien ġie rtirat

**3.5** Ittra datata 13 ta’ Ottubru 2011 mingħand the Agricultural Heritage Museum li permezz tagħha d-direttur ta’ l-istess Mużew introduċa s-servizzi li joffru. Kien hemm qbil illi kemm il-darba tkun sejra ssir xi harġa għall-Anzjani, dan il-mużew kellu jiġi kkunsidrat.

**3.6** Ittra datata13 ta’ Ottubru 2011 migħand MEPA li permezz tagħa l-Kunsill ġie mgħarraf li l-korrispondeza li kienet intbaghtet dwar l-IPPC application ( Power Station ta’ Delimara) kienet ser tingħata l-attenzjoni meħtieġa.

**3.7** F’ittra datata 14 ta’ Ottubru 2011, MEPA infurmat lill-Kunsill Lokali li kienet ser tinzamm laqgħa rigward applikazzjoni PA4706/08 ( 85, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk). Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi ma kienx hemm il-bżonn illi l-Kunsill ikollu rappreżentanza f’din il-laqgħa.

**3.8** Ittra datata 18 ta’ Ottubru 2011 mingħand MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-istess awtortia’ kienet qiegħda tistenna informazzjoni rigward PA/1645/10. Il-Kunsill ġie infrumat illi din il-kwistjoni kien qiegħed jieħu ħsiebha l-Perit Marvin Ellul.

**3.9** Rapport datat 14 ta’ Ottubru 2011 li kien inġabar mill-għassa taż-Żejtun mis-Segretarju Eżekuttiv rigward inċident li kien sehh biswit it-Torri Vendome. Wara li nqara r-rapport, li kien jiddeskrivi l-waqgħa ta’ anzjan, ġie deċiż illi l-parti tat-triq konċernata ma kenitx perikoluża.

**3.10** Ittra mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward il-possibilita’ li l-Kunsill Lokali Marsaxlokk jidħol fl-iskema ‘ *MOC Local Council Sports Awards’*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill ma kellux jipparteċipa f’din l-iskema.

**3.11** E-mail datat 12 ta’ Ottubru 2011 mingħand Borg Marie Jeanne rigward taħrig speċjalizzat. Wara li inqrat l-email ġie deċiż illi minħabba illi l-Kunsill kien wasal fi tmiem il-ħatra tiegħu, ma kienx il-mument adegwat illi l-Kunsilliera u s-Sindku jattendu għal xi taħriġ.

**3.12** Permezz ta’ E-Mail datat 6 ta’ Ottubru 2011, Anna Vella infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ser jiġi mnaqqas l-ammont ta’€ 3702.40 mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali bħala penali għaliex il-Kunsill ma kienx bagħat ir-rapport ta’ l-Awditur tal-Kunsill fil-ħin. Is-segretarju Eżekuttiv spjega kif minn informazzjoni li kellu kien hawn diversi Kunsilli Lokali

li kienet ittieħdet din il-miżura fil-konfront tagħhom minħabba l-istess raġuni. Huwa żied illi l-istaff tal-Kunsill Lokali kien ser jiċċekkja dwar din il-materja sabiex jiġi kkonfermat dan in-nuqqqas.

**3.13** E-mail datat 18 ta' Ottubru 2011 mingħandid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie infurmat illi nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2011, kienet ser issir preżentazzjoni tal-ktieb l-*Avvanz tal-Pellegrini* mill-Onorevoli Chris Said. L-istess ktieb kellu jitpoġġa fil-librerija tal-lokal. Kien hemm qbil illi għal din il-preżentazzjoni għandha tattendi s-Sinjura Carmen Scicluna ( librara ).

**3.14** Permezz ta' Memo 94/2011 datat 4 ta' Ottubru 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi fid-daħliet tal-playing fields għandhom jitwaħħlu tabelli b'format *standard*. Wara li ġie diskuss il-format tat-tabelli skond kif mibgħut, il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom jiġu ordnati dawn it-tabelli għall-playing fields ta' Marsaxlokk.

**3.15** E-mail minghand is-Sur John Montebello datat 29 ta' Settembru 2011 u indirizzat lil Arriva Malta b'kopja lill-Kunsill Lokali Marsaxlokk fejn l-istess Sur Montebello gibed l-attenzjoni ta' Arriva Malta dwar xi nuqqasijiet fis-servizz tat-Trasport Pubbliku. Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-proposrti tas-Sur Montebello u kien ser jistenna r-risposta ta' Arriva Malta sabiex jara x'ser jiġri.

**3.16** E-Mail datat 28 ta' Settembru 2011 mingħand Ryan Schembri li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mitlub jgħaddi lista ta' xi nies li kapaċi jagħlu affarijiet mhux tas-soltu sabiex ikunu jistgħu jitniżżlu fil-ktieb Hadd Għalik Rekords. Wara diskussjoni libera ma kien instab ebda individwu li kien jikkwalifika għal dan il-ktieb.

**3.17** F'korrispondenza permess ta' E-Mail Jane Simpson infurmat lill-Kunsill Lokali b'xi żviluppi li kien hemm rigward il-proġett *Marenostrum*. Fost l-ohrajn kienet ser issir esibizzjoni internazzjonali ta' xogħolijiet ta' studenti ta' l-iskejjel minn erba' nazzjonijiet differenti. Kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jipproponi illi jiġi kkuntattjat is-sid ta' Rizzu Restaurant sabiex din l-esibizzjoni tittella' fil-bini li kien iservi ta' *premises* għall-bank HSBC.

**3.18** E-Mail datat 18 ta' Ottubru 2011 mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi latrina li f'Xatt is-Sajjjieda kienet maħmuġa. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien diġa' vverifika dan l-ilment u nġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar in-nuqqas. Huwa żied illi minn dakinhar għamel xi spezzjonijiet u jidher li s-sitwazzjoni kienet tjiebet.

**3.19** E-Mail mingħand Jean Marie Borg f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bi Pjan ta' Azzjoni li kien qiegħed jitfassal dwar il-Bumunqar l-Aħmar. Wara li ġie diskuss ir-rapport, il-Kunsill wasal għall-konklużjoni illi l-miżuri proposti kienu diġa', fil-maġġoranza tagħhom, qiegħdin jiġu implimentati mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

**3.20** E-Mail datat 13 ta' Ottubru 2011 mingħand Anson Aquilina rigward skart li kien qieħed jintrema fi triq Antonin Attard. Is-Segretarju qal illi kien spezzjona l-post flimkien mas-Sur William Pomroy u kien irriżulta illi l-iskart kien qiegħed jintrema f'postijiet privati. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi għandu jsir rapport lill-pulizija u lill-MEPA sabiex dan l-inkonvenjent jiġi riżolt.

**3.21** E-mail datata 17 ta' Ottubru 2011 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex li kienet ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2011. Kien hemm qbil illi l-istaff tal-Kunsill kellu jfakkar lill-Kunsilliera aktar tard matul ix-xahar ta' Novembru sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar min kien ser jattendi.

**3.22** E-mail datat 20 ta' Ottubru 2011 mingħand is-Sur Joseph Agius f'isem Mediterranean Brokers Insurance rigward claim li l-Kunsill kien għamel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill Lokali illi xarabank ta' Arriva Malta kien ħabat ma karozza u fl-inċident intlaqat fanal ornamentali li kien propjeta' tal-Kunsill Lokali. Dwar dan kienet infethet l-imsemmija claim u l-kunsill kien qieghed jistenna illi jirċievi *quotation* mingħand il-fornitur sabiex ikun jista' jissewwa l-fanal. Kien hemm qbil illi sakemm jissewwa dan il-fanal għandu jitneħħa minn fuq il-post sabiex jitnehha l-periklu.

**3.23** E-mail mingħand Jean Marie Borg f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali datat 24 ta' Ottubru 2011 rigward l-Uffiċjali Awtorizzati fi ħdan is-sistema ta' l-LES li permezz tagħha l-Kunsill Lokali ġie infurmat b'xi tibdil li kien hemm kawża ta' tibdil fl-istess sistema.

**3.24** E-mail mingħand Fr. Mario Mangion, kappillan fil-lokalita' fejn f'isem il-parroċċa il-Kunsill intalab permess sabiex nhar it-13 ta' Novembru 2011 tkun tista' tittella' ġurnata attivitajiet b'risq id-Dar u l-Uffiċċju Parrokkjali ta' Marsaxlokk. L-attivita' kienet ser tittella' fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi jinħargu l-permessi kollha. Madanakollu kellha ssir kundizzjoni illi l-pjanti kollha jitpoġġew lura f'posthom kemm il-darba ikunu iċċaqalqu minħabba l-attivita'

**3.25** E-mail datata 11 ta' Ottubru 2011, mingħand is-Sur Edric Micallef li permezz taghha l-istess Sur Micallef għadda lill-Kunsill Lokali kopja tal-korrispondenza li kienet għaddejja bejnu u bejn is-Sur Marco Bricconi, Sindku tal-belt ta' Cadeo ġewwa l-Italja. Il-korrispondeza kienet qiegħda tipproponi li jkun hemm skambju ta' zgħazagħ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi, kemm il-darba l-iskambju iseħħ, iż-żgħazagħ ma jalloġġjawx ma' familji hekk kif propost mis-Sindku ta' Cadeo izda gewwa hostels. Is-Sur William Pomproy qal li kien ser jiċċekkja s-sitwazzjoni tal-hostels ġewwa Marsaxlokk.

Wara inqrat lista ta' ilmenti li l-istaff tal-Kunsill kien irċieva sabiex tittieħed deċiżjoni dwarhom

**4.** **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**4.1** Ma kienx hemm

**5.** **Estimi għal Memo 66/2011**

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit Marvin Ellul kien lesta l-istimi u l-pjanti għal xogħol li kien qiegħed jiġi propost li jsir fil-playing field tal-Magħluq permezz ta' memo 66/2011. Wara li gew diskussi l-pjanti u l-istima li kienet tammonta għal €129693 fuq mozzjoni tas-Sindku u li ġiet issekondata mis-Sur William Pomroy, il-Kunsill unanimament qabel illi kellhom jiġu sottomessi d-dokumenti kollha kif proposti.

**6.** **Xiri ta' apparat**

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istaff kien qiegħed ikollu problemi kbar minħabba l-arkivjar u *filing* tal-korrispondenza. Dan peress illi fil-kamra li kien isir l-arkivjar fiha ma kienx fadal

spazju fejn jintrefghu aktar dokumenti. Barra minn hekk, kienu diġa intrefgħu xi dokumenti fl-uffiċċju tas-Sindku u tas-segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant, wara li kien iddiskuta ma' l-istaff x'jista jsir sabiex tiġi riżolta din il-problema, kien qiegħed jiġi propost illi l-istaff iżomm biss il-kopja oriġinali ta' kull korripondenza li l-Kunsill jibgħat jew jirċievi. Minflok isiru kopji tal-korrispondenza u jintregħu f'files ta' dipartimenti, istituzzjonijiet eċċ, l-istaff kien qiegħed jipproponi illi isir *digital filing*. Is-Segretarju żied illi l-istaff kien qiegħed jipproponi illi jinfetħu files virtwali u l-korrispondeza tiġi merfugħa fihom. B'hekk il-Kunsill kien ser ikun qieghed jiffranka l-ispazju minbarra spejjeż ta' *photocopier, files* eċċ. Sabiex din is-sistema tiġi implimentata madanakollu kien hemm il-bżonn illi jinxtraw scanner u kompjuter sabiex il-korrispondenza tiġi merfugħa fuq kompjuter illi kellu jservi bħala *server*. Għal dan il-għan l-istaff ġabar xi kwotazzjonijiet ta' scanners u kompjuters li ġew imressqa fuq il-mejda tal-Kunsill. Kien hemm qbil illi għanda tiġi adottata s-sistema li kien qiegħed jipproponi l-istaff u l-Kunsill għadda għall-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet li kienu:

*Scanners:*

| | | |
|---|---|---|
| Klikk Computer Store | HP Officejet 6500A | €199.00 |
| Scan Computers | HP Officejet 6500A | €237.00 |

*Kompjuters:*

| | | |
|---|---|---|
| SG Solutions | MacBook Pro (MC700) | €1160 |
| Foresals | HP Pavillion(cv6-3180) | €1399 |
| Forestals | Sony VAIO (Vpc-F13Z0E) | €1598.99 |
| Intercomp | Dell Latitude E6320 | €1199 |

Peress illi l-iscanners kienu l-istess u l-uniku differenza kien il-prezz, fuq mozzjoni tas-Sur William Pomroy, issekondata mis-Sur Remigio Cassar u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill iddeċieda illi jinxtara l-apparat mingħand Klikk Computer Store peress li dan kien l-irħas. Wara diskussjoni rigward liema kompjuter għandu jintagħzel fuq mozzjoni tas-Sur Remigio Cassar, issekondata mis-Sindku u li għaddiet b'mod unanimu ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jixtri l-kompjuter mingħand SG Solutions. Dan peress illi l-kwotazzjoni kienet l-irħas u l-kwalita' tal-kompjuter kienet tajba.

**7. <u>Attivitajiet għall-Milied 2011</u>**

**7.1** Is-Sur William Pomroy qal illi hekk kif isir kull sena kien hemm bżonn illi l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar x'attivitajiet għandhom jittellgħu għall-Milied. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill kellux jivolvi ruhu fi spejjeż sabiex itella' attvitajiet minħabba l-*commitments* finanzjarji li kienu saru. Is-Sur Pomroy qal illi ma kienx hemm il-bżonn illi tiġi vvotata somma kbira għal dawn l-attivitajiet għaliex il-Kunsill seta' jillimita' ruħu għal inizjativi żghar. Fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu ġie deċiż illi għall-attivitajiet tal-Milied 2011 għandha tiġi vvotata s-somma ta' €2000 ( elfejn ewro).

**8. <u>Approvazzjoni ta' Hlasijiet</u>**

**8.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 10/11) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti

**9. <u>Affarijiet Ohra</u>**

**9.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif kien diskuss fil-laqgħa ta' qabel kienu ġew ippreparati d-dokmenti għat-tenders tat-tindif tax-xatt fiz-zona li fiha jarma l-monti ta' nhar ta' hadd u tal-

ġonna. Wara li ġew ippreżentati d-dokumenti u kien hemm diskussjoni dwarhom ġie unanimament deċiż illi t-tender tal-ġonna jinħareġ kif propost. Rigward it-Tender għat-tindif tax-xatt fiż-żona li fiha jarma l-Monti ta' nhar ta' Hadd ġie unanimament deċiż illi għandha titnaqqas parti żgħira minn dak li kien qieghed jiġi propost peress li ma kenitx tagħmel parti mill-monti

**9.2** Il-Kunsil kien irċieva diversi ilmenti rigward il-monti li jarma matul il-gimgħa ġewwa Marsaxlokk fil-parti magħrufa bħala *il-magħluq*. Diversi individwi kienu qiegħdin jilmentaw illi xi l-bejjiegħa kienu qiegħdin jarmaw posti li kienu akbar minn kif stipulat fil-liġi. Wara li ġie diskussa din it-tema ġe deċiż illi din għandhom jiġu ccekkjati il-posti u tintbagħat ittra lil dawk il-bejjiegħa li l-posta tagħhom ma kenitx konformi mal-liġi.

**9.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien ġie mitlub jippublika l-lista ta' bejjiegħa u l-*waiting list* rispettiva tal-monti li jarma nhar ta' Hadd fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Huwa żied li waqt eżerċizzju li kien sar sabiex dawn il-listi jiġu ppublikati kien irriżulta li kien hemm tliet bejjiegħa illi għal xi raġuni kienu qiegħdin jitnizzlu fl-attendenza meta fi Frar 2011 kienet ġiet ippublikata l-istess lista u dawn il-bejjiegħa ma kenux parti minnha. Għal dan il-għan kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiżdiedu mal-lista ta' bejjiegħa jew le. Wara diskussjoni libera, u in-vista tal-fatt illi kien ser jinħoloq preċedent ġie unanimament deċiż illi dawn il-bejjiegħa ma għandhomx jidhru fil-lista li kienet sejra tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern peress illi uffiċjalment ma kenux jagħmlu parti mill-monti.

**9.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva l-kontijiet tal-librara għax-xhur ta' Awissu u Settembru 2011 li kienu jinkludu story telling għall-istess xahrejn. Huwa żied illi l-istess librara kienet qiegħda titlob illi l-hinijiet għall-ftuh tal-librerija jiżdiedu bi tliet siegħat matul ix-xhur tas-Sajf u tmien sieghat matul ix-xhur tax-Xitwa. Wara diskussjoni libera, filwaqt li approva l-ħlas tal-kontijiet il-Kunsill unanimament qabel illi t-talba tal-librara ma ghandiex tiġi aċċettata.

**9.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hekk kif miftiehem fis-Seduta ta' qabel l-istaff kien ġabar kwotazzjoni għal *fencing* fi Triq il-Port Ruman sabiex jiżdied ma' ċint li kien ittella'. Il-kwotazzjoni mingħand Deba Enterprises kienet ta' €266.36. Il-Viċi-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu iċ-ċint kien għoli biżżejjed u ma kienx hemm għalfejn isir fencing. Wara li ġiet diskussa din il-materja kien hemm qbil illi għandhom jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet konċernati sabiex jiġi kkonfermat jekk iċ-ċint kif sar kienx biżżejjed sabiex jitneħħa l-periklu qabel isir il-*fencing*.

**9.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien irċieva l-kont tat-tindif tal-latrini għax-xahar ta' Ottubru 2011. Huwa qal illi l-istaff kien qiegħed jinnota illi ma' l-invoice li nirċievu kien qiegħed ikun hemm spejjeż ta' maintenance u ħsarat u talab lill-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar jekk il-manutenzjoni għandhiex titħalla f'idejn il-Kuntrattur. Wara li approva l-ħlas għax-xahar ta' Ottubru 2011, il-Kunsill unanimament qabel illi l-kuntrattur għandhu jkompli jsewwi l-ħsarat. Madanakollu kelha tinġibidli l-attenzjoni sabiex qabel jirranġa l-affarijiet, jinforma lill-Kunsill Lokali sabiex dan ta' l-aħħar ikun jista' jivverifika l-ħsara.

**9.7** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi peress illi Xatt is-Sajjieda għadu kif sar xoghol ta' tisbieħ, flimkien mas-Sindku kien evalwa x'jista' jsir sabiex jiġu mmarkati ma' l-art il-posti tas-suq fil-berah li jarma nhar ta' Hadd. Peress illi ma setgħetx issir żebgħa ma' l-art kien qiegħed jiġi propost illi l-posti jiġu mmarkati permezz ta' studs. Għal dan il-għan kienu inġabru xi kwotazzjonijiet u l-ispiża għax-xiri ta' materjal u twaħħil ta' l-istess studs

kienet ser tammonta għal €2650 ( €575 studs, €1485 kolla sabiex jitwaħħlu u €590 spejjeż tal-kuntrattur). Wara li ġiet diskussa din il-materja kien hemm qbil illi għandu jiġi kkuntattjat il-Ministeru sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi dawn l-ispejjeż ma jitħallsux minn fondi tal-Kunsill Lokali

**9.8** Is-Sindku qal illi ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv illi s-Sur Jordy Brincat, skrivan mal-Kunsill Lokali, kien infurmah illi kien ser jikkunsidra illi jfittex impjieg f'Kunsill Lokali ieħor bil-għan illi javvanza fil-karriera. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi fil-fatt kienet ix-xewqa tas-Sur Brincat illi jkun impjegat bħala uffiċjal ezekuttiv. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi jagħti *promotion* lis-Sur Brincat. Wara diskussjoni libera fuq mozzjoni tal-Viċi-Sindku, ssekondata mis-Sur Remigio Cassar u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill Lokali qabel illis-Sur Brincat jingħata din il-*promotion* u jinħatar uffiċjal Eżekuttiv, f'notch 2 ta' skala 13. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kellu jikkunsidra jekk għandu jagħti *increment* lis-Sinjorina Caroline Fenech, sabiex minn Jannar 2012 din tibda tirċievi salarju ekwivalenti għal massimu ta' Skala 11. Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, ssekondata mis-Sindku u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill Lokali qabel illi s-Sinjorina Fenech tingħata dan l-*increment*.

**9.9** Is-segretarju Eżekuttiv qal illi minn eżerċizzju li kien qiegħed isir flimkien ma' l-accountant irriżulta li kien hemm kont pendenti ta' aktar minn €12 000 tal-Perit Marvin Ellul. L-Accountant tal-Kunsill kienet tat parir illi l-kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar dan il-kont. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel illi għandu jsir kuntatt mal-Perit Ellul sabiex tiġiu riżolta din il-kwistjoni.

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm, u ġiet aġġornata għad-29 ta' Novembru 2011

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**